# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn u sebghin (73) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar is-7 ta' Frar, 2017 fis-6.20pm, fl-uffiċċju muniċipali.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Membru |
| | Paul Spiteri | Membru |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba. Hija infurmat lil kunsillieri illi Anita Farrugia ma setgħetx tkun magħna għax ma tiflaħx.

**73.01 Korrezzjonijiet tal-Minuti:**

72.03 & 72.04 Tneħħew il-kliem 'Hija pproponiet' u żdiedet 'Il-proposta kienet' fit-tieni sentenza tat-tmien paragrafu.

72.09 Inqatgħet 'jieħdu l-' u tpoġġiet 'juru aktar' u inqatgħu il-kelmiet 'ma jistennewx li jkunu n-nies li jirrappurtawlhom ċertu nuqqasijiet' u ddaħħlu l-kelmiet 'juru aktar indipendenza'.

72.11.01 Inqatgħet il-kelma '*post'* u ddaħħlet il-kelma 'messaġġ' u wara l-kelma 'fuq' jiżdiedu l-kliem 'il-paġna tal-KLM fuq il-'.

Il-minuti għaddew għal vot. Kienu proposti minn Michel Farrugia u issekondati minn Grace Marie Mallia u dawn ġew approvati unanimament. (Paul Spiteri kien għadu ma ġiex għal-laqgħa).

**73.02 Punti mill-minuti**

73.02.01 Se terġa' tintbgħat *reminder* lill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin dwar iż-żjara li jixtieq jagħmel il-KLM.

73.02.02 Se nistiednu lill-Kappillan sabiex iqaddes quddiesa nhar is-Sibt 6 ta' Mejju fil-5.00pm, għall-ħarġa għal familja kollha li se tkun promossa b'appell speċjali għal dawk li jgħixu waħidhom.

73.02.03 Is-Sindku infurmat lill-kunsillieri illi reġgħet għamlet kuntatt mal-Perit Matthew Briffa, ta' Transport Malta dwar Triq George Martin u dan infurmaha illi għadhom għaddejjin bit-trattattivi ma' sid l-għalqa.

73.02.04 Is-Sindku infurmat lill-kunsillieri illi reġgħet għamlet kuntatt ma' Kevin Zahra dwar it-terminus tal-linja li qed ikun ta' periklu fi Triq Karmenu Ciantar u se tintbgħat reminder sabiex niltaqgħu ma' Transport Malta u l-operatur ħalli jkun diskuss dan l-iskomdu.

73.02.05 Kien hemm diskussjoni dwar il-proposta ta' *one way* f'parti minn Triq Santa Katerina u minkejja li l-maġġoranza ma jriduhiex, se ssir il-laqgħa xorta ma dawn ir-residenti nhar it-Tnejn 13 ta' Frar.

73.02.06 Intant se nistiednu lill-kuntrattur tad-dwal tat-toroq, *Nexos Street Lighting* sabiex jiġi fl-uffiċċju muniċipali għal-laqgħa nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar fis-6.30pm.

73.02.07 F'dan il-waqt kien deċiż illi l-laqgħa li jmiss tal-KLM se ssir nhar is-7 ta' Marzu fis-6.30pm.

73.02.08 Charlene Zammit infurmat lill-kunsillieri illi x-xogħol li kellhom jagħmlu *Transport Malta* fil-*By-Pass*, issa hu lest u jonqos biss il-Garage tal-Gvern biex iwettaq dak propost.

73.02.09 Ir-Request for Proposals għat-tisqif tal-ġibjun u l-bini fuqu se jkun ippubblikat fil-ġimgħat li ġejjin minn *Projects Malta*, wara l-ħidma tal-Ministeru ta' Justyne Caruana.

**73.03 Komunikazzjoni mis-Sindku:**
73.03.01 Is-Sindku qalet illi kellha laqgħa ma' Sergio Mallia tal-WEEE fejn dan ta l-parir li tkun abolita il-formula tal-*bulky refuse* kif fil-fatt sar u qalilha illi huma disposti li jħallsulna għal nofs il-*bulky refus collection* li jkun inġabar mir-raħal.

73.03.02 F'dan il-punt kienet interrotta l-laqgħa għaliex ġie Louis Mifsud ta' 7, Sqaq Nru 2, Triq il-Parroċċa jilmenta illi l-lampa ta' ġewwa tal-isqaq għadha ma tixgħelx.

73.03.03 Paul Spiteri daħal fis-7.00pm għal-laqgħa.

73.03.04 Is-Sindku qalet illi rridu nibdew naħsbu għall-ħarġa tal-fuljett li jmiss u dan se jkun stampat għand il-Best Print. Għaldaqstant kien deċiż illi sal-laqgħa li jmiss ikun hemm draft tal-artikli filwaqt li kien hemm diskussjoni dwar kif jista' jinbidel il-format tiegħu. Infatti dan se jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**73.04 Financial Statements 2016**
Kien deċiż illi niltaqgħu mal-*Accountant* qabel ma jkunu approvati u ffirmati l-*Financial Statements* 2016, madankollu jekk jinstab illi m'hemm l-ebda' żball f'dawk li kienu ppreżentati llejla, dawn se jkunu kkunsidrati bħala approvati kemm-il darba ma jkunx hemm oġġezzjonijiet li jistgħu isiru permezz ta' e-mail.

73.06 Intant il-laqgħa proposta mal-Accountant se ssir fit-6.30pm nhar it-Tnejn 13ta' Frar. F'din l-istess laqgħa se jkunu diskussi wkoll l-Estimi Finanzjarji 2017.

73.05 Kienu approvati l-minuti tal-laqgħa pubblika u kien hemm diskussjoni dwar l-eżodu tagħha. Kien hemm osservanza illi filwaqt li kien hemm persuni li ġew biex jilmentaw dwar xi haga li taffettwa lilu personalment, kien hemm oħrajn li tkellmu b'mod oġġettiv ħafna. Il-KLM se jara illi fejn kien hemm xi punti li nistgħu immexxuhom aħna mingħajr wisq riżorsi finanzjarji, se naqbdu u nagħmluhom. Saret enfasi biex jerġa' joħroġ il-kuntratt tal-knis, u nitolbu stima lil Elle's Urban Services biex titranġa il-ħofra ta' Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq ix-Xriek.

73.07 Is-SE ġab għall-attenzjoni tal-KLM id-direttiva numru 1/2017 tad-Dipartiment Gvern Lokali.

73.08 Is-Sindku qalet illi hija u s-SE kellhom laqgħa mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura dwar il-Pjazza tal-Knisja. Hija qalet illi dawn se jgħidulna x'għandhom disponibbli bħala *cash* u minn naħa tagħna se naraw x'hemm bżonn li nonfqu aħna biex il-pjan ikun wieħed holistiku ħalli jsir uplift fil-Pjazza. Is-Sindku qalet illi jekk se jsir xi *patching* fuq it-trinek, dawn se jkopri biċċiet kbar biex ma jerġax jinqala'. Dwar il-problema tal-ilma tax-xita, Charlene Zammit qalet illi se nkellmu lill-Perit tagħna ħalli jsiru l-boq's. Michel Farrugia qal illi bħala KLM

jaqbel illi dak kollu li nistgħu inġibu għall-Imqabba, għandna nġibuh.

**73.09 Ilmenti u suġġerimenti:**

73.09.01 Michel Farrugia semma' t-talba tal-*ispeed cameras* li kien għamel il-KLM fid-dawl tal-fatt illi fi rħula viċin qed isiru. Hawn intqal illi l-multi mhux se jkunu bħala introjtu għall-KLM, madankollu dawn se jiddixxiplinaw lix-xufiera li qed isuqu ħafna fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kemm-il darba din tiġi milqugħa. Minn naħa tagħna se nerġgħu nagħmlu t-talba.

73.09.02 Paul Spiteri semma' l-proposta ta' żjara fostna minn Alfred Curmi għar-*Ramblers Malta* fejn dawn xtaqu jżuru l-katakombi. Hawn Charlene qaltlu illi inagħatajna appuntamet minn *Heritage Malta* sabiex niddiskutu dwar il-possibilita' li dan jibda jinfetaħ tal-inqas darba fix-xahar, filwaqt li s-SE diġa irrisponda lis-Sur Curmi illi l-istess katakombi huma fir-responsabbilita' ta' *Heritage Malta.*

73.09.03 Grace Marie Mallia semmiet it-toqob li tħallew miftuħa wara li kien inawgurat il-ġnien biswit il-ġibjun mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju. Dan ġara wara li nqalgħu il-bandiera, minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li hija triq arterja u għaldaqstant il-każ kien irrappurtat lil Transport Malta mill-uffiċju tagħna. Intant, kien deċiż illi din is-soċjeta' se tkun infurmata.

73.09.04 Paul Spiteri semma' s-siġar quddiem iċ-ċimiterju. Is-SE qal illi dawn jidhru miftuħin u li m'ilhomx ma ġew miżbura mill-ħaddiema. Intant se naraw illi l-ELC jħawwlu il-hedge (il-partijiet in-nieqsa) f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira.

73.09.05 Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 527 minbarra l-item tat-tinda li kienet intenzjonata li titpoġġa fi Ġnien Onġi Onġella. Minflok, se nġibu diżinn sabiex issir bħal gazebo tal-injam fuq qafas tal-ħadid – xi ħaġa aktar durabbli.

73.09.06 Il-President tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju bagħat ittra dwar nuqqas ta' dawl fuq il-koppla tal-knisja lis-Sindku. Hija qalet li se tara jekk inqatax xi main switch u din ilha xahrejn mitfija minħabba xi ħaġa trivjali qabel ma wieħed jirreferi l-każ lill-entitatjiet konċernati.

73.09.07 Is-Sindku tkellmet mas-Segretarju tas-Soċjeta' Santa Marija u dan qalilha illi huma kienu ftehmu €100 aktar biex itellgħu l-arbli tal-festa ravjul. Għaldaqstant se jsiru żewġ pagamenti ta' €100 fuq kull soċjeta' għal xogħol li sar fl-2016.

73.09.08Michel Farrugia ippropona lampa ġewwa nett tal-itwal sqaq fi Triq Santa Katerina minħabba li dan hu mudlam ħafna.

73.10 Il-laqgħa ntemmet fit-20:40.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku